MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2014

Numru. 129/2014

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**FABIAN BRINCAT**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Fabian Brincat, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 523390 (M).

**Akkuzat talli:**

Nhar il-21 ta` Ottubru 2013 ghal habta ta` bejn it-tlieta ta` filghodu (03:00hrs) u t-tlieta u nofs ta` filghodu (03:30hrs), gewwa San Giljan:

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta` Alfred Chircop f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta` natura gravi, hekk kif iccertifika Dr. David Cauchi, detentur tan-numru tar-registru mediku 3220.

F'kaz ta` htija, l-Qorti giet gentilment mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Alfred Chircop ai termini tal-Artikolu 383 *et sequitur*, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li rat il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;
Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li rat l-Artikoli 261 (c), 267 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li l-Qorti nnotat li l-*parte civile,* Alfred Chircop, iddikjara ruhu sodisfatt bil-ftehim li huwa ghamel mal-imputat fejn hu gie rizarcit *in toto* billi l-pagament dovut gie mghoddi direttament lid-dentist, kif ukoll il-mahfra ta` Alfred Chircop lill-istess imputat u d-dikjarazzjoni tieghu li m'ghandux interess li jitkomplew il-proceduri;

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Illi in ammissjoni volontarja u kkundizzjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni, ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief illi ssib lill-imputat hati fuq l-akkuzi li lilu gew addebitati.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------